MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2010

Numru. 1143/2006

Il-Pulizija
(Sp Jesmond J. Borg)
vs
Anthony Scicluna, iben joseph, imwieled Siġġiewi fis-16 ta’ Frar, 1958, Karta ta’ l-Identita numru 171358(M)
u
David Scicluna, iben Anthony, imwieled Pieta’ fl-14 ta’ Marzu, 1981, Karta ta’ l-Identita numru 151781(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati –
a. talli fil-25 ta’ Settembru, 2006 għal ħabta tad-9.00 a.m. fl-inħawi magħrufa bħala Tal-Providenza, limiti tas-Siġġiewi, mingħajr il-ħsieb li joqtlu jew li jqirgħdu l-ħajja ta’ Pawlu Camilleri f’perikolu ċar, ikkaġunaw ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta’ Pawlu Camilleri, liema offiża ġġib marda tal-moħħ jew tal-ġisem li ddum għal tletin ġurnata jew

iżjed, inkella għal daqshekk żmien, iżżomm lill-offiż milli jmur għax-xogħol tiegħu;
b. talli kissru volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;
c. talli ħebbew għall-persuna ta' Pawlu Camilleri sabiex jiġurjawh, idejquh jew jagħmlu ħsara lil din il-persuna jew lil ħaddieħor;
d. talli għamlu vjolazzjoni kontra l-proprjeta' ta' Pawlu Camilleri.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, tipprovdi għas-sigurta ta' Pawlu Camilleri skont l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputati bil-ġurament.

Semgħet lill-prosekuzzjoni, lill-parte ċivile u lill-avukat ta' l-imputati.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fil-25 ta' Settembru, 2006 kmieni fil-għodu, Pawlu Camilleri mar fl-għalqa tiegħu f'Tal-Providenza, limiti tas-Siġġiewi. Hu nnota li parti mill-ħajt li kien qed jifred l-għalqa tiegħu minn trejqa kien nieżel minħabba x-xita. Qabel ma beda jaħrat l-għalqa ra li l-ġebel tal-ħajt kienu fl-għalqa tiegħu u għalhekk qabad u neħħa l-ġebel li kien hemm u tefagħhom fit-trejqa. Imbagħad beda jaħrat l-għalqa.

Illi fl-istess ħin f'għalqa oħra li tagħti għal ġo din it-trejqa kien hemm l-imputat Anthony Scicluna li kien qed jieħu kafe waħdu. Iżjed 'il bogħod minnu kien hemm ibnu David Scicluna li kien qed jonsob. Għal ħabta tat-tmienja ta' fil-għodu Anthony Scicluna ried joħroġ bil-karozza tiegħu għaliex kellu appuntament mediku għal idejh. Meta hu ġie biex isuq il-karozza tiegħu sab li ma setgħax igħaddi għaliex il-ġebel kienu qed jimbarraw il-passaġġ. Għalhekk, sejjaħ lil ibnu David Scicluna biex ineħħi l-ġebel

għaliex hu ma setgħax juża idejh biex ineħħi l-ġebel. Fil-fatt, David Scicluna ġie fuq il-post u skont ix-xhieda tiegħu ma damx wisq biex ineħħihom min-nofs.

Illi waqt li David Scicluna kien qed ineħħi dawn il-ġebel missieru Anthony Scicluna daħal fl-għalqa ta’ Pawlu Camilleri u mar staqsieh għala tefa l-ġebel fit-trejqa. Skont il-versjoni ta’ l-imputat Anthony Scicluna, Pawlu Camilleri beda joffendih bil-mejtin kollha u f’ħin minnhom telaq il-mutur tal-ħart fid-dirzzjoni tiegħu. Min-naħa l-oħra l-versjoni ta’ Pawlu Camilleri hi li kif l-imputat Anthony Scicluna daħal fl-għalqa hu taħt daqqa ġo rasu u daqqa bis-sieq ġo sidru li qalbu.

Illi skont Pawlu Camilleri, l-imputat David Scicluna daħal fl-għalqa, ħebb għalih, qabadlu l-ġewża ta’ għonqu u għaddaslu rasu ġol-ħamrija. Min-naħa tiegħu, l-imputat David Scicluna xehed li meta daħal fl-għalqa ta’ Pawlu Camilleri sema lill-istess Pawlu Camilleri joffendi lil missieru u il-mejtin kollha. Hu xehed li Pawlu Camilleri telaq il-clutch tal-mutur u biex jevita li l-mutur jolqot lil missieru ħatfu u tfieh. Iż-żewġ imputati xehdu li f’dik il-kommozzjoni Anthony Scicluna u Pawlu Camilleri waqgħu fuq xulxin u waqgħu fuq pjanta tal-bajtar tax-xewk.

Illi konsegwenza ta’ dan Pawlu Camilleri spiċċa l-isptar fejn ġew diversi feriti ta’ natura ħafifa, skont ma jirrizulta miċ-ċertifikat mediku a fol. 26 tal-proċess. Hu inbagħad għal aktar eżamijiet billi kellu tbenġil madwar l-għajn ix-xelluqija. Ġie skontrat li kellu pressjoni għaolja fuq dak l-għajn. Ingħata l-kura u intbagħad id-dar. Jirrizulta li Pawlu Camilleri ma jarax sew minn dik l-għajn u għadu jmur l-outpatients għal problemi li għandu f’dahru u f’għajnejn. Hu ċar li l-ferita fl’għajn damet aktar minn 30 ġurnata biex tfieq.

Illi Pawlu Camilleri eżebixxa set ritratti tal-persuna tiegħu kif kienet l-għada ta’ l-inċident. Jidher ċar li tali feriti flimkien ma dik ta’ għajnejh ma ġewx ikkaġunati minn sempliċi waqa tiegħu fuq jew taħt l-imputat Anthony Scicluna u il-fatt li waqa’ fuq il-pjanta tal-bajtar tax-xewk.

Illi l-vesjoni ta’ l-imputat mhiex kredibbli.  L-unika ħaġa li għandom favurihom l-imputati hu l-fatt li Pawlu Camilleri qatt ma missu xeħet il-ġebel fit-trejqa.  L-imputati min-naħa tagħhom ġjaladarba reġgħu tefgħu l-ġebel għal isfel am kellhomx għalfejn jidħlu fl-għalqa ta’ Pawlu Camilleri.

Illi l-prosekuzzjoni rnexxilha tipprova l-każ tagħha skont il-liġi.

Għaldaqstant, issib lill-imputati ħatja tal-akkużi kollha miġjuba kontra tagħhom.  Rat l-artikoli 216(1)(d), 338(dd), 339(1)(ċ) u 340(d) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundanna lil kull wieħed mill-imputati għal piena ta’ sena priġunerija.  Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma seħħ ħlief jekk l-imputati jikkomettu reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------